DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 161525** **07.07.2016**

## STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER

***L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jirċievi żjara ta' kortesija mid-Deputat Ombudsman Rumen***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia dalgħodu rċieva żjara ta' kortesija mid-Deputat Ombudsman tar-Rumanija, il-Professur Micrea Criste.

Matul il-laqgħa l-Ispeaker enfasizza dwar l-importanza tal-irwol tal-Ombudsman. Huwa qal li t-trasparenza u l-akkontabilità flimkien mal-verità għandhom ikunu l-valuri prinċipali u fundamentali ta' kull min imexxi jew jirrappreżenta l-interessi ta' pajjiż u l-poplu tiegħu.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia kkonkluda li kull amministrazzjoni ta' pajjiż, li tiġi maħtura mill-poplu rispettiv, għandha tara li timxi bl-aktar mod konformi mal-valuri msemmija u għaldaqstant l-Ombudsman għandu jara li jibqa' jipproteġi u jiggarantixxi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadin.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**